## FOLKLOR FIT-TOPOGRAFIJA TAL-BIRGU

**Lorenzo Zahra.**

Il-Folklor tagħna ma hux dak biss dwar l-ilbies, u l-użanzi, iżda wkoll jidħol fil-laqmijiet u titoli li l-poplu jgħaraf bihom ċerti nħawi fil-belt. B'din il-fehma ħsibt li fil-qosor niġbor ċerti laqmijiet jew ismijiet ta' nħawi fil-Birgu kif niftakar qabel ma dawn jgħibu għal kollox.

L-Imġarraf: It-Telgħa tal-mina l-Kbira.
Il-Fortini: Il-*playground* issa St.Lawrence Parade Ground.
Fejn Sabu s-Sinjur: Qrib l-Advanced Gate.
Il-Mandraġġ: Issa Ancient Street jew Triq Antika.
Il-Mandraġġ: Id-daħla bejn il-Birgu u St.Anġlu.
Fuq il-Fosos: Triq il-Ħabs il-Qadim.
It-Toqba l-Qadima: Holy Infirmary Sally Port.
It-Toqba l-Ġdida: Bighi Sally Port.
Fuq San Flippu: Triq San Flippu.
Fuq il-Lunzjata: Triq il-Bieb Ewlieni. Triq il-Mina l-Kbira.
Iż-Żenqa: Alley I u Alley II Triq Sta. Skolastika.
Ix-Xgħira: Pjazza Santa Margerita.
Id-Daħla: Triq Desain.
Is-Suq tal-Ħut: Triq il-Foss.
Is-Sur tal-Kurdara: Triq it-Torri San Ġwann.
Il-Pjazzetta: Triq il-Pjazzetta.
Il-Ġenna: Wara l-Oratorju tal-Kurċifiss.
Il-Ballett: F'tarf Triq San Lawrenz lejn in-naħa ta' St.Anġlu.
Fuq is-Sur tat-Toqba: Is-Sur Post of England.
L-Għar tal-Paġġi: Fit-Toqba l-Ġdida.
Is-Sur tal-Miratur: Triq il-Miratur.
Il-Labatija: Il-Monasteru Sta. Skolastika.
It-Triq ta' l-Iskola: Triq Hilda Tabone li kienet Triq Brittanja.
Ix-Xatt iż-Żgħir: Ix-Xatt ta' quddiem il-parroċċa.

Ix-Xatt il-Kbir: Ix-Xatt fejn kien il-Victualling Yard.

Ix-Xatt tal-Karmnu: Quddiem il-Knisja tal-Karmnu.

Il-Pjazza ta' l-Arloġġ: Il-Pjazza li illum isejħulha Misraħ.

Triq tal-Lhud: Triq il-Palazz il-Qadim tal-Gvernatur.

Triq ta' Nastas: Triq ta' biswit il-Kwartier.

Il-Blat tal-Ħawli: is-Salib tal-Ħajjieli. Issa l-Ħawli Estate.

Is-Simenta: Triq il-Miratur.

Il-Prexxa: Is-Sur ta' San Lawrenz.

Il-Kappella ta' l-Għassa: Maħżen f'Couvre Porte.

Il-Foss iż-Żgħir: Il-Post of Auvergne.

Il-Foss il-Kbir: Coronation Garden.

Il-Blata: Fil-posta ta' Kastlija

Taħt il-Bandiera: Ix-xtajta taħt it-Torri tal-Bandiera f'Sant'Anġlu.

Triq ta' Falzuna: kienet Strada Stretta, Triq id-Dejqa.

Triq ta' Żwejra: kienet Triq l-Irlandiżi issa *Lorenzo Dyer*.

Triq it-Torri ta' l-Istendard: Triq it-Torri San Ġwann.

It-Taraġ tat-Taljani: Triq il-Miratur.

It-Taraġ tal-Bdoti: Minn Triq S.Flippu tinżel lejn Triq il-Miratur.

**Uħud mill-ismijiet għadhom magħrufa, oħrajn qed jgħibu.**

**Sħubija fil-Għaqda Maltija Tal-Folklor**

Kull min jinteressa ruħu fil-folklor jista' jissieħeb f'din l-Għaqda. Il-ħlas huwa biss Lira Maltija fis-sena, iżada min jidħol l-ewwel darba iħallas ukoll lira għar-reġistrazzjoni. Il-bullettin tal-Għaqda, "L-IMNARA" li jiġi pubblikat darba fis-sena, ma jinbihx fil-ħwienet, iżda jintbagħat biss lil membri li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti, jiġifieri il-membri effettivi. Il-lista tal-membri effettivi, (li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) qed tidher f'"L-IMNARA").

Kopji ta' L-IMNARA imorru ukoll, skond il-liġi, fil-libreriji nazzjonali ta' Malta u Għawdex, iżda tmur ukoll fil-Librerija ta' Belt-Is-Sebh u l-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kif ukoll fil-Librerija tal-Università

Kull ħlas għandu jintbgħat **BISS** lit-teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

**Kitba Għall-Imnara**

Kull kitba biex tiġi pubblikata f'L-IMNARA tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u għandha tkun DEJJEM ORIĠINALI, u qatt ma tkun pubblikata qabel band'oħra, u preferibbilment ta' nteress lokali. Il-indirizz ta' l-Editur huwa 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02.